Qorti Civili, Prim'Awla

Imhallef Anthony Ellul

Rikors numru: 212/2011AE

**Grezzja Said**

**Vs**

**Mark Diamandidis u b'nota tal-14 ta' Mejju 2012 assumiet l-atti s-socjeta Atlas Insurance PCC Limited (C-5601)**.

It-Tnejn, 5 ta' Ottubru 2015.

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fit-2 ta' Marzu 2011, l-attrici ppremettiet u talbet:-

*1. Peress illi r-rikorrenti giet investita mill-konvenut fis-6 t'Awwissu 2009 meta dan kien qed isuq karozza tal-marka Daewoo fit-Triq San Bastjan Qormi;*

*2. Peress illi in effetti dan l-incident issuccede tort unikament tal-konvenut minhabba f'negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;*

*3. Peress illi a kawza ta' l-incident awtomobilistiku in kwistjoni, l-attrici sofriet danni ta' natura personali permanenti, anke kif iccertifikat mill-konsulent mediku taghha Ivan Esposito;*

*4. Peress illi r-rikorrenti interpellat lill-konvenut izda inutilment sabiex dan jersaq ghall-hlas u likwidazzjoni tad-danni minnha subiti.*

Għaldaqstant, l-attrici talbet lill-qorti sabiex:-

*1. Tiddikjara li l-incident awtomobilistiku li ssucceda fis-6 t'Awwissu 2009 fit-Triq San Bastjan Qormi ssucceda tort unikament tal-konvenut;*
*2. Tillikwida d-danni sofferti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*
*3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas id-danni in kwistjoni.*

Permezz ta' twegiba guramentata prezentata fl-20 ta' Dicembru 2011 (fol. 26), il-konvenut wiegeb:-

*1. Illi l-ewwel talba tar-rikorrenti ghandha tkun michuda stante li l-incident awtomobilistiku de quo sehh unikament bi htija tal-istess rikorrenti;*
*2. Illi t-tieni talba tar-rikorrenti ghandha ghalhekk tkun rigettata wkoll stante li, fejn jirrigwarda l-esponent, ma hemmx danni x'jigu likwidati favur ir-rikorrenti;*
*3. Fi kwalunkwe kaz u <u>minghajr pregudizzju ghall-premess</u>, l-entita' tad-danni pretizi mir-rikorrenti huwa kontestat. Ghaldaqstant ir-rikorrenti ghandha taghmel il-prova*

*tad-danni skond il-ligi;*
*4. Illi t-tielet talba tar-rikorrenti ghandha tkun michuda billi l-esponent m'ghandux jigi kkundannat ihallas ebda danni lir-rikorrenti;*

Il-qorti semghet il-provi u rat l-atti.

Il-kaz jitratta dwar incident tat-traffiku li sehh fis-6 ta' Awissu 2009 fi Triq San Bastjan, Qormi meta l-attrici ttajret mill-vettura Daewoo misjuqa mill-konvenut, li miet fil-mori ta' dawn il-proceduri.

L-attrici xehedet (seduta 6 ta' Ottubru 2014):-

*"Qsamt it-triq. Kont tellajt rigel fuq il-bankina. Kont se ntella' s-sieq l-ohra u f'hin minnhom sibt ruhi mtajjra. Ghadni qieghda nbati b'idi x-xellugija…..*

*Il-Qorti issa qieghda taghmilli riferenza ghall-iskizz esebit a fol. 12 fejn hemm impingi f'nofs it-triq dak li jidher li hi persuna. Il-Qorti talbitni biex nispjega. Jiena nghid dak li diga' ghidt. Jien kont tiela' fuq il-bankina. Kelli sieq diga' fuq il-bankina…..*

*Inqratli dak li kiteb il-pulizija fir-rapport dwar dak li suppost ghidtlu jien. X'kiteb il-pulizija jiena ma nafx. Jien ma kontx qed naqsam pero' meta ttajjart. Mistoqsija mill-Qorti jekk jistax ikun li jiena nsejt id-dinamika ta' kif sehh dan l-incident, nghid le ma nsejtx. Il-memorja tieghi ghadha tajba"* (fol. 64-65).

Hekk ukoll fl-affidavit qalet:-

*"Jiena harist biex nara jekk nistax naqsam u x'hin rajt li ma kienux gejjien karozzi, jiena qsamt.* ***Jiena kont qsamt it-triq u wasalt mal-bankina tan-naha l-ohra****. Fil-fatt kont diga' tellajt sieq wahda fuq il-bankina. Minn dak il-hin, ma nafx ezatt x'gara pero' naf li hassejt daqqa go rasi u spiccajt f'nofs ta' triq"* (fol. 52).

Pero' hemm provi li jikkontradicu l-verzjoni tal-attrici. Dawn huma:-

1. Il-verzjoni li l-attrici tat lill-pulizija li nvestiga l-incident. Fir-rapport tal-pulizija jinghad: *"Mort biex naqsam (min-naha ta' Sphinx ghal faccata) u kif rajt li ma kienux gejjien karozzi qsamt.* ***Waqt li kont qed naqsam*** *giet karozza u tajritni"* (enfazi tal-qorti, fol. 10). Ghalkemm fis-seduta qalet li ma tafx x'kien kiteb il-pulizija li nvestiga l-kaz, dan ma jfissirx li dak li jinghad fir-rapport m'ghandux jitwemmen.

2. L-iskizz (fol. 74), fejn quddiem il-vettura FBH-854 tidher figura ta' persuna. PC1122 Joseph Borg xehed: *"Nikkonferma li fuq l-iskizz li qed nipprezenta llum tidher persuna mpingija. Dak ghamiltu jien a bazi li qaluli z-zewg partijiet. Qablu mal-posizzjoni ta' fejn spiccat l-attrici mad-daqqa….. Jidher li minn fejn qasmet l-attrici kien vicin il-kantuniera"* (fol. 67). M'huwiex verosimili li l-attrici ttajjret meta kienet qasmet it-triq u kienet tiela' fuq il-

bankina. Li kieku l-verita hi li meta l-attrici ttajret "Kelli sieq diga' fuq il-bankina" (fol. 64), ma kenitx tispicca f'nofs it-triq kif jidher fl-iskizz (fol. 74);

3. Deposizzjoni ta' Alfred Mifsud[1] li fiz-zmien tal-incident kien surgent tal-pulizija u nzerta qieghed ghassa fit-triq fejn sehh l-incident. Mifsud kien xhud okulari tal-incident u xehed:-

   *"L-ewwel darba li rajtha kienet fuq bankina, miexja fid-direzzjoni tieghi. Hin minnhom, nahseb li l-attrici kienet xi daqsxejn aljenata, nizlet mill-bankina. Niftakar li giet karozza mill-faccata u baqghet diehla fl-attrici. Li bqajt niftakar zgur hu li l-vettura ma kinitx gejja bi speed……**L-attrici ttajret go nofs it-triq**. Nikkonferma li f'dik it-triq il-karozzi jghaddu biss mid-direzzjoni li kienet gejja l-vettura misjuqa mill-konvenut. **Nikkonferma li l-attrici jiena ma rajthiex thares fuq in-naha tax-xellug meta qasmet**. **Jien rajtha niezla mill-bankina, timxi b'mod angolat minghajr ma thares fuq in-naha tax-xellug**……Mistoqsi mill-qorti jekk jien rajt lil din il-mara tieqaf mat-tarf tal-bankina biex tara x'vetturi ghaddejjin, ma jidhirlix li rajtha tieqaf. Nikkonferma li lil din il-mara rajtha timxi fuq il-bankina, rajtha tinzel minn fuq il-bankina u taqsam.*

   *L-attrici ma qasmitx ghad-dritt. Qasmet b'mod angolat. Angolat ghad-direzzjoni fejn kont jiena. Hi mxiet b'mod angolat lejja fit-tul*

   *Nikkonferma li minn fejn bdiet taqsam kien ftit iktar lil hinn minn fejn tispicca l-liwja. Jien jidhirli li l-incident sehh ezatt fil-bidu tat-Triq San Bastjan**. Dak li jidher fl-iskizz, il-posizzjoni tal-vettura tal-konvenut naqbel maghha. Naqbel li dik il-liwja qieghda bejn wiehed u iehor ninety degrees**"* (enfazi tal-qorti).

L-attrici qasmet minn post perikoluz. Kif jirrizulta mill-iskizz il-vettura ta' Diamandidis harget minn liwja. Il-pedestrian ghandu d-dover li jaqsam it-triq bil-prudenza f'mument li ma jkunx ta' periklu ghalih u ghal haddiehor. F'dan il-kaz l-attrici qabdet u qasmet minn post perikoluz. Qieghed jinghad hekk ghaliex mill-iskizz jirrizulta li qasmet f'punt minn fejn vetturi jkun hergin minn liwja. Dan fih innifsu kien jaghmilha difficli ghall-attrici li qabel taqsam tkun certa li mhux gejjien vetturi minn fuq ix-xellug, apparti li f'dan il-kaz lanqas jidher li harset fuq ix-xellug taghha qabel bdiet taqsam. Hu veru li l-konvenut ma xehedx ghaliex miet fil-mori tal-kawza. Fir-rapport tal-pulizija, il-verzjoni li kien ta l-konvenut giet riprodotta hekk:

*"Jien kont ghaddej sejjer lejn il-knisja ta' San Bastjan, f'daqqa wahda kien hemm mara fuq il-lemin tieghi li donna kienet ser taqsam it-triq. Jien kif rajt li ma qasmitx*

[1] Xhud tal-attrici.

*komplejt ghaddej bil-mod, izda hi baqghet hierga u jiena waqaft f'daqqa, pero xorta wahda lahqet habtet mal-karozza tieghi u ghamlet bhal kutrumbajsa u spiccat mal-art"*.

Jibqa' 'l fatt li l-verzjoni li tat l-attrici fl-affidavit u meta xehedet fil-qorti m'hijiex il-verita'. Inoltre minn dak li xehed Alfred Mifsud u l-iskizz tal-incident il-qorti tikkonkludi li l-attrici qasmet minn post perikoluz minghajr ma hadet prekawzjoni biex tizgura li ma kienux gejjien vetturi. F'xenarju bhal dak ma tistax titfa' t-tort ghal dak li gara fuq haddiehor.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-ewwel, tieni u raba' eccezzjonijiet u tichad it-talbiet tal-attrici bl-ispejjez kollha kontra taghha**.

Anthony Ellul.